# Ħarsa lejn il-BEI 2019

Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa d-driegħ tat-tislif tal-Unjoni Ewropea.

Aħna l-akbar sellief multilaterali fid-dinja u l-akbar fornitur ta' finanzjament għall-klima.

Aħna ngħinu l-ekonomija, noħolqu l-impjiegi u nippromwovu l-ugwaljanza.

Il-Grupp tal-BEI għandu żewġ partijiet: il-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment. Il-FEI jispeċjalizza fl-għoti ta' finanzjament għal negozji żgħar u mid-caps.

Qalleb dawn il-paġni biex tiskopri waħda mill-istituzzjonijiet ta' żvilupp l-aktar stabbilita fid-dinja.



*Il-finanzjament tal-Bank tejjeb it-trasport għal 290 miljun passiġġier fl-2018.*

| | |
|---|---|
| €230,000,000,000 | f'investiment appoġġjat minn attivitajiet tal-BEI |
| €64,190,000,000 | l-ammont ta' finanzjament mill-Grupp tal-BEI[1] |
| €60,000,000,000 | miġbura mis-swieq globali tal-bonds |
| €23,270,000,000 | ta' finanzjament għal negozji żgħar |
| €13,520,000,000 | biex tingħata spinta għall-innovazzjoni |
| 5,000,000 | impjieg sostnut għal kumpaniji żgħar |
| 854 | proġett ffirmat |
| 29% | tal-finanzjament tal-BEI appoġġja azzjoni klimatika |

[1] Il-finanzjament ta' €64.19-il biljun li pprovdejna fl-2018 appoġġa aktar minn €230 biljun f'investiment. Tipikament il-BEI ma jiffinanzjax aktar minn 50% ta' proġett, sabiex b'hekk l-involviment tagħna jħeġġeġ lil istituzzjonijiet oħrajn biex jgħinu fil-finanzjament tal-proġetti.



*Il-Bank ipprovda aktar minn €15.15-il biljun għall-ħarsien tal-ambjent fl-2018.*

# Il-prijorità tagħna

Il-Bank Ewropew tal-Investiment jiffoka fuq erba' oqsma: l-innovazzjoni, in-negozji żgħar, il-klima u l-infrastruttura.

L-għarfien espert u kkombinat tal-ekonomisti, l-inġiniera, l-analisti finanzjarji u l-ispeċjalisti dwar il-klima tagħna jiżgura s-suċċess tal-proġetti tagħna. Min-naħa l-oħra, it-timbru ta' approvazzjoni mill-ispeċjalisti tagħna jiskatta aktar investiment mis-settur privat. Aħna naħdmu madwar id-dinja kollha biex intejbu ħajjet in-nies. Fl-2018, aħna għamilna l-ilma tax-xorb aktar sigur għal 20 miljun persuna, bnejna toroq aħjar għal miljuni ta' sewwieqa u wassalna l-elettriku lil aktar minn 34 miljun dar.



*Bl-appoġġ tal-BEI, l-Istitut tan-Newroloġija u l-Ġenetika Ċiprijott f'Nicosia għamel rinnovazzjoni tal-faċilitajiet tiegħu ta' riċerka u trattament.*

Il-finanzjament u l-pariri tagħna jappoġġaw miljuni ta' impjiegi u jgħinu lil eluf ta' negozji żgħar biex jirnexxu. Fl-2018, assigurajna finanzjament għal 374,000 kumpanija żgħira. Aħna nagħmlu lill-Ewropa aktar kompetittiva billi nappoġġaw innovazzjoni mill-aktar avvanzata u azzjoni klimatika. Tajna appoġġ għal 29 miljun konnessjoni diġitali ta' veloċità għolja fl-2018.

Waħda mill-għodda tagħna hija l-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi. Dan jimmira li jagħlaq id-distakk kbir fl-investiment fl-Ewropa billi joħloq €500 biljun f'investiment sal-2020. Sa tmiem l-2018, il-Grupp tal-BEI kien approva €70.4 biljun f'finanzjament taħt l-FEIS u mmobilizza €375.5 biljun f'investiment.




*Welder f'impjant ta' assemblaġġ tal-karozzi tal-linja fis-Senegal. Il-BEI investa f'fond li qiegħed jgħin lil din il-kumpanija tiffjorixxi.*

# Il-klijenti tagħna

Aħna nsellfu lis-setturi pubbliċi u privati. Aħna nappoġġaw kumpaniji żgħar permezz ta' banek lokali u nsellfu l-flus lil kumpaniji ġodda innovattivi. Il-kumpaniji mid-cap jistgħu jirċievu appoġġ dirett għal investimenti fir-riċerka u l-iżvilupp. Ma nsellfux aktar minn nofs l-ispejjeż ta' proġett, għaliex irridu li s-selfiet tagħna jattiraw finanzjament minn investituri privati u istituzzjonijiet finanzjarji pubbliċi oħrajn.

Il-Bank joffri firxa wiesgħa ta' prodotti finanzjarji b'termini favorevoli. Għal ċerti proġetti li jappoġġaw l-innovazzjoni u l-ħiliet fl-Ewropa, aħna naċċettaw aktar riskju minn bank kummerċjali. Aħna noffru assistenza teknika biex ngħinu fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti.



*Il-Bank jgħin lil bliet bħal Pariġi biex jużaw l-enerġija rinnovabbli, itejbu l-mobilità u jtejbu t-toroq u l-pontijiet.*

# Ir-riżorsi tagħna

Il-BEI huwa finanzjarjament awtonomu. Aħna niġbru l-flus billi noħorġu bonds fuq swieq kapitali internazzjonali.

Il-klassifikazzjoni ta' kreditu eċċellenti tagħna tfisser li niġbru l-flus b'rati tajbin. Aħna ngħaddu dawn il-benefiċċji lill-klijenti tagħna.

Aħna wieħed mill-aktar banek multilaterali mutwatarji kbar u ekoloġiċi fis-swieq globali. Il-bankiera tagħna vvintaw is-suq tal-"bonds ekoloġiċi".

# L-impenji tagħna

- standards ambjentali u soċjali għoljin fl-attivitajiet kollha tagħna
- governanza b'saħħitha, trasparenza u akkontabilità
- impronta ambjentali minima

Għal aktar tagħrif dwar dak li noffru,
żur **www.eib.org/products**.

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

EUROPEAN INVESTMENT FUND

**Il-Bank Ewropew tal-Investiment**
info@eib.org
**www.eib.org**

© EIB
01/2019
print: QH-02-19-008-MT-C ISBN 978-92-861-4084-6 doi:10.2867/207489
pdf: QH-02-19-008-MT-N ISBN 978-92-861-4097-6 doi:10.2867/364440